TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 16/2025**

Data: It-Tnejn, 25 t' Awwissu 2025

Ħin: 17:00

Bdiet: 17:15

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Assenti |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**16.1 Ittri ta' apoloġija**

16.1.1 Is-Sindku semma li kemm is-Sa. Nicole Farrugia kif ukoll is-Sur Dasier Damato, talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill approva li l- Kunsilliera imsemmija jkunu skużati. Filwaqt li s-Sa. Anabelle Marmara, ma nfurmatx li ma kinitx ser tattendi għaldaqstant ser tkun imniżżla bħala assenti.

**16.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 15**

16.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.15 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**16.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 14**

16.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Neil Portelli u s-Sa. Darlene Vella ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-15 ta' Lulju 2025 u l-25 t' Awwissu 2025 li kienet tammonta għal €73,721.75.

**16.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 15**

| | |
|---|---|
| **16.4.1 Ground 5-a-side** | Is-Sindku semma li l-ground kien ser jinfetaħ għall-kiri mill-1 ta' Settembru 2025. Fakkar li bejn l-4:30pm u s-6pm ser ikun qed jinfetaħ għat-tfal tal-lokal mingħajr ħlas. |
| **16.4.2 Rivista Kunsill Lokali Tarxien** | Is-Sindku semma li kien hemm rikjesta sabiex jibdew isiru riklami minn entitajiet privati. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li hemm bye-law għar-riklamar fit-toroq. Is-Sindku preżenta skeda ta' ħlasijiet skond il-qies tar-riklam u li kienet approvata mill-Kunsill. L-iskeda annessa u mmarkata Dok A. |

TARXIEN
Local Council

**16.4.3 Framework Agreement – Public Works Department**

Is-Sur Neil Portelli semma li ser ikun qed ikompli jikkomunika mal-Public Works fuq dawn ix-xogħolijiet li jidher li ser jibdew f'Ottubru. Semma li Triq Tempji Neolitiċi tlestiet u nbdiet Triq il-Fieres.
Is-Sindku talab li tinbeda komunikazzjoni sabiex tkun tista' tibda Triq Betta.

**16.4.4 Statwa ġewwa Vjal Simmons**

Is-Sindku semma li l-clearance tal-istatwa tlestew u għaldaqstant jista' jinbeda l-proċess biex titwaħħal.

**16.4.5 Attivitajiet Sportivi u Fiżiċi**

Is-Sindku semma li s-sessjonijiet taz-Zumba għal Awwissu huma weqfien minħabba s-sħana.

**16.4.6 Kurunell Mas**

Is-Sindku semma li l-planters tneħħew. Semma li x-xogħol qed isir mill-Aġenzija għal xogħolijiet f' lokalitajiet turistiċi. Semma li qed jinżebgħu l-kurduna tal-ġnien, inżebgħet ir-roundabout u li fuqha ġejja l-arma tal-Kunsill. Semma li ser tiżdied bandla ta' tfal żgħar, 2 springers u ser isiru l-bankijiet ġodda. Filwaqt li kif kien semma diġa l-bankijiet l-antiki imxew quddiem l-iskola primarja. Is-Sa. Darlene Vella ssuġġeriet li jsiru xi tip ta' rifletturi mad-dawra tar-roundabout.

**16.4.7 Xogħlijiet fil-berġa**

Is-Sindku semma li x-xogħol fil-berġa l-antika kienu tlestew, semma li twaħħal madum ġdid u tneħħew id-diviżorji tal-gypsum li kien hemm. Semma li l-passi li jmiss ser ikun li l-għamar tal-kunsill timxi għall-berġa sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol ta' manutenzjoni fil-Kunsill.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

**16.4.8 Traffic Calmers**

Is-Sindku qal li kienu bdew jitwaħħlu traffic calmers li kienu ħarġu l-permess minn TM għalihom. Semma li dik fi Triq id-Dejma kienet ser tkun installata wkoll.

**16.4.9 Ismijiet ta' toroq**

Is-Sindku semma li kienet saret laqgħa mal-Kumitat responsabbli mill-ismijiet ta' toroq. Semma li kif kien propost għadu għaddej studju min-naħa tagħhom fuq tibdil ta' isem iż-żona tal-pjazza. Semma li jidher li kif kien rikjesta mill-Kumitat l-isem tal-pjazza jasal sa l-ewwel sqaq ħdejn il-Pretorja Bar. Għaldaqstant, l-isqaq ser jiġi bħala parti mill-Pjazza wkoll.
Is-Sindku semma li rigward Triq Renzo Gauci ser tkun qed tibda minn ħdejn il-Melita san-niċċa tal-Madonna.

**16.4.10 Intervisti għal Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku semma li kif kien diskuss f' laqgħat preċidenti, dan il-proċess jinsab sospiż.

**16.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

16.5.1 Is-Sindku semma li rigward il-proġett tal-Pjazza kien hemm diskussjonijiet fuq il-Bus Shelter tal-pjazza. Semma li dan irid jimxi u kienu wkoll approvati d-disinn ta' dan shelter li jista' jinqala' għal żmien il-festa. Disinni annessi u mmarkati Dok B. Semma li ser isiru surveys tax-xelters li hemm fil-pjazza, ser isiru wkoll il-preparazzjonijet tas-sistema ta' CCTVs. Filwaqt li kien hemm qbil li charging pillars ma jsirux.

16.5.2 Is-Sindku semma li s-sistema ta' shuttle service kienet sejra tajjeb u li IM kienu ser jipprovdu anki data tal-użu sabiex il-kunsill ikun jista' jiddeċiedi jekk jagħmilx il-proposta tiegħu mal-Awtoritajiet sabiex jitneħħew tal-linja l-kbar miċ-ċentru tal-lokal.

16.5.3 Is-Sindku semma li nhar l-1 ta' Settembru kien ser isir festin għat-tfal fis-sajf. Semma li kellu jinbidel xi logħob minħabba problemi li l-Kunsill kellu sabiex iġib polza tal-assigurazzjoni.

16.5.4 Is-Sindlu semma li s-sessjoni nformattiva ta' Vjal Kulħadd għadha pendenti, il-Kunsill kien qed jistenna minn IM.

16.5.5 Is-Sindku semma li l-fondi mill-iskema tal-LESA għall-bankini ta' Triq Paola u Triq Santa Marija kien għadu ma nbediex ix-xogħol. Semma li ser tintalab estenzjoni lil LESA.

16.5.6 Is-Sindku semma li kien tqabbad Perit sabiex jipproponi disinn għal central strip ta' quddiem il-Kunsill. Disinni annessi u mmarkati Dok C. Dawk preżenti xtaqu jiltaqgħu fuq il-post mal-Perit filwaqt li kien hemm qbil li jitneħħa l-fanal l-aħdar.

16.5.7 Is-Sindku semma li sabiex issir rinovazzjoni f' Misraħ Raħeb kien ser jitqabbad perit ieħor.

16.5.8 Is-Sindku staqsa lis-Sa. Darlene Vella kinitx tkellmet mal-Arċipriet fuq il-Kors ta' Għaqal id-Dar. Is-Sa. Darlene Vella semmiet li fil-laqgħa li jmiss tati rispons fuq dak li jkun infurmaha l-Arċipriet.

16.5.9 Is-Sa. Darlene Vella talbet li nhar il-25 t' Ottubru jerġgħa' jiġi organizzat il-Fire Fighting Course għar-residenti.

16.5.10 Is-Sindku semma li kien ser jibda s-survey ġewwa Misraħ Buleben sabiex ikun jista' jibda jiġi ppjanat ix-xogħol. Semma li dan ser ikun qed jiġi ffinanzjat mill-Planning Fund.

16.5.11 Is-Sindku semma li kien avviċinat mill-Klabb tal-Ħamiem sabiex il-Kunsill jagħti sponsor lill-Klabb sabiex tingħata shield għar-rebbieħa tal-klabb. Fuq tfakkira tas-Segretarju Eżekuttiv li l-Kunsill ma jistax jagħti sponsorships, il-Kunsilliera qablu li din it-talba ma tkunx approvata anki minħabba preċident għall-għaqdiet oħrajn.

16.5.12 Is-Sindku semma li bħala skema għall-attivitajiet kulturali, il-Kunsill kien applika sabiex f' Ottubru ssir il-Banda tal-Baned, is-Sindku propona li din issir nhar is-19 t' Ottubru imma jinbidel l-isem bħala il-Festa tal-Festi, issir ġewwa Triq il-Palma. Isiru 10 irdieden tal-art minn 10 kmamar tan-nar differenti li dawn ikunu jammontaw madwar €5000. Semma li dawn iridu jiġu mħalsa mill-Kunsill għax hemm klawżola fl-iskema li rdieden tan-nar ma mhumiex koperti bil-ftehim. Semma li idealment din jieħdu ħsiebha l-għaqdiet tan-nar tal-lokal.

16.5.13 Is-Sindku semma li daħlu xi lmenti minħabba ħamiem selvaġġ li hemm f' ċertu żoni tal-lokal. Semma li bħala Kunsill qed jaraw anki mal-awtoritajiet kif tista' tkun mitigata din il-problema.

16.5.14 Is-Sindku semma li fuq rispons mir-residenti, l-van tal-kunsill ma jibqax jagħmel ir-rotta imma jmur għar-resident skond l-appuntament li jagħmlu mal-Kunsill. Dan minħabba li hemm ħafna anzjani li dawn xorta waħda tmur għalihom id-dar wara l-bieb għax ma jifilħux jimxu sal-istage. Kien hemm qbil li dan jimxi skond appuntamenti li jidħlu.

16.5.15 Is-Sindku semma li ser jibdew jinġabru l-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied.

16.5.16 Is-Sa. Darlene Vella semmiet li hemm problema bil-hornets ma' faċċata ta' dar privata. Is-Sindku semma li peress li l-post huwa privat, il-Kunsill ma jistax jintervjeni.

16.5.17 Is-Sindku fakkar li l-attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill hija mportanti u li skond il-provedimenti tal-liġi s-Segretarja ser tkun qed tinforma lill-Ministru b' dawk li mhux jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill.

## 16.6 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2025

16.6.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2025 u tat rendikont skond l-overview li preżentat.

16.6.2 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju kif preżentat.

16.6.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv semmiet li l-Kunsill jidher li għandu long outstanding creditor fejn jidher li hemm kont pendenti ta' madwar €2,500 li jidher li l-Kunsill għadd irid iħallas mis-sena 2010. Is-Segretarja spjegat li dan għadu qed jidher fl-accounts tal-Kunsill wara dawn is-snin kollha u ma jidhirx li fi żmien riċenti kien hemm talba mill-kuntrattur għal dan il-ħlas. Għaldaqstant, fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli, kien hemm qbil li dan jiġi mneħħi mill-accounts tal-Kunsill.

**16.7 Ġnien Penza**

16.7.1 Is-Sindku semma li wara l-Kunsill lesta l-permessi kollha sabiex jibdew ix-xogħolijiet ġewwa Ġnien Penza, kien hemm talba lill-Infrastruttura Malta sabiex tassisti fl-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Is-Sindku semma li permezz ta' intervent anki mill-Onor Chris Bonett, il-Kunsill ser ikun qed jibbenifika minn Infrastruttura Malta fejn dawn ser jieħdu ħsieb l-implimentazzjoni tal-proġett bil-perit ikkummissjonat ukoll minnhom. Is-Sindku semma li l-Kunsill irid jieħu ħsieb jixtri l-għamara għal dan il-proġett li hemm fondi minn skema tal-SPI fuq dan il-proġett.

16.7.2 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli dawk preżenti qablu ma' dak li kien qed jiġi propost.

**16.8 Proposta għal studju estensiv fuq l-immaniġġjar ta' traffiku eżistenti fil-lokal**

16.8.1 Is-Sur Neil Portelli ppropona li għandu jsir studju estensiv madwar il-lokal sabiex tittieħed stampa kurrenti tal-immaniġġjar tat-traffiku kif ukoll jiġi propost pjan ħolistiku għal-lokal fuq kif it-traffiku jkun jista' jiġi immaniġġjat aħjar. Semma li fil-leġislatura preċidenti kienet bdiet studju anki s-Sa. Darlene Vella li wieħed seta' jkompli fuq dak li kien inbeda.

16.8.2 Fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mis-Sur Neil Portelli dawk preżenti qablu ma' dak li kien qed jiġi propost.

**16.9 Proposta għal studju ta' użu ta' Shuttle service bħala parti mit-Transport Pubbliku fil-lokalita'.**

16.9.1 Is-Sur Neil Portelli ppropona li wara li tinġabar l-informazzjoni minn Infrastruttura Malta rigward numri ta' passiġġieri li użaw shuttle service, il-Kunsill jagħmel l-istudji u anki l-proposti tiegħu mal-Awtoritajiet sabiex tinbidel is-sistema ta' transport pubbliku fiċ-ċentru tal-lokal anki bl-iskop li r-residenti jkunu moqdija aħjar mit-transport pubbliku.

16.9.2 Fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mis-Sur Neil Portelli dawk preżenti qablu ma' dak li kien qed jiġi propost.

**16.10 European Sports Week**

16.10.1 Is-Sur Glenn Urry preżenta l-proposta tal-attivitajiet hekk kif preżentata minn MOVE. Kien hemm qbil li din issir nhar 5 t' Ottubru bejn 10am u 4pm ġewwa t-triq Santa Marija u Triq Anetto Caruana. Semma li ser tkun festa għall-familja kollha fejn ser ikun hemm fun games għal tfal żgħar ħafna, logħob tradizzjonali, BMX area, Skate Boarding u anki Street Art.

16.10.2 Kien hemm qbil sabiex isir full road closure ta' Triq Santa Marija sabiex jitnaqqas il-periklu li jista' jinħoloq jekk ikun hemm tfal bir-roti u jilgħabu l-ballun fit-triq u karozzi għaddejjien.

16.10.3 Is-Sa. Darlene Vella semmiet li hija ser tieħu ħsieb li torganizza tournament tal-football bejn l-Għaqdiet.

16.10.4 Is-Sur Glenn Vella ssuġġerixxa li anki jinfurmaw lill-Puttinu sabiex jinġabru donazzjonijiet volontarjament minn dawk li jattendu.

16.10.5 Is-Sur Glenn Vella semma wkoll li għandu jkun hemm bankarelli tal-ikel imma li dan għandu jkun wieħed healthy.

TARXIEN
Local Council

16.10.6 Semmew ukoll li għandhom ikunu involuti l-iScouts u anki entitajiet sportivi fil-lokalita'.

**16.11 Aġġornament**

16.11.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 15 ta' Settembru 2025 fil-17:00 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Dok A.

ATT Lianne Cassar

1 full A5 page il-qoxra ta wara 100 euros, 1 full A5 page fuq gewwa 70 euros, nofs A5 50 euros tkun fuq gewwa, u ghandna ukoll spots 1/4 of an A5 page 30 euros. Dejjem kulur

Miriam

Dok B.






Proposed Layout Option 1
*Scale 1:200*

Dok C

| | | | |
|---|---|---|---|
| Notes: This drawing is the sole property of Perit Alistair Avallone. It should not be reproduced, copied, stored in a retrieval system or transmitted in any form, whether electronic, mechanical, photocopying, recording or otherwise, in part or in whole, without the prior written permission of Perit Alistair Avallone. This drawing is not to be scaled. All dimensions are to be checked by the Contractor and are his responsibility. Drawing, dimension errors, and omissions are to be reported to Perit Alistair Avallone immediately on discovery. All dimensions are in metres (m) unless otherwise stated. | Scale 1:100 on A2 (METRES 0 1 2 3 4 5 6 7 8 9 10)<br>Date 25/08/2025 — Drawn By ADF — Checked By A. Avallone<br>no. — by — date — revision details | Client: Mr. Joseph Camilleri<br>Job Title: Proposed Alterations to Junction @ Triq Santa Marija, Tarxien<br>Drawing Title: Proposed Layout 1<br>Code: CML/25 — Drawing No. CML/25-01-00 | ALISTAIR AVALLONE<br>B.E.&A.(Hons.), A.&C.E.<br>*Architect, Civil & Structural Engineer*<br>*Cost & Planning Consultant*<br>*Interior Designer*<br>PERIT<br>9/11, Triq Santa Marija, Tarxien TXN1700<br>(+356) 79 081 754<br>(+356)21 803 671<br>avallonealistair@peritavallone.com |

Lledna

Pavaljuni

Kerb

Paving




**Proposed Layout Option 1**

Scale 1:200

Notes

This drawing is the sole property of Perit Alistair Avallone. It should not be reproduced, copied, stored in a retrieval system or transmitted in any form, whether electronic, mechanical, photocopying, recording or otherwise, in part or in whole, without the prior written permission of Perit Alistair Avallone.

This drawing is not to be scaled. All dimensions are to be checked by the Contractor and are his responsibility.

Drawing, dimension errors, and omissions are to be reported to Perit Alistair Avallone immediately on discovery.

All dimensions are in metres (m) unless otherwise stated.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Scale: 1:100 on A2 | | | |
| Date: 25/08/2025 | Drawn By: ADF | Checked By: A. Avallone | |
| no. | by | date | revision details |

| | |
|---|---|
| Client: Dr Joseph Camilleri | |
| Job Title: Proposed Alterations to Junction @ Triq Santa Marija, Tarxien | |
| Drawing Title: Proposed Layout 1 | |
| Code: CML/25 | Drawing No.: CML/25-01-00 |


ALISTAIR AVALLONE
B.E.&A.(Hons.), A.&C.E.
Architect, Civil & Structural Engineer
Cost & Planning Consultant
Interior Designer
PERIT
Triq Santa Marija, Tarxien

# FIRENZE

**Lanterne in alluminio pressofuso nero pennellato argento con diffusore in vetro trasparente**

Diecast aluminium lantern black

brush silver with clear glass diffuser





LANT FIRENZE/[illegible]



LANT FIRENZE/AP1[illegible]



LANT FIRENZE/S[illegible]



LANT FIRENZE/P[illegible]



LANT FIRENZE/P3

8031414327311[illegible]



Big mat



Big mat



[illegible]



# ECOVIVI 500 LANT LED GX53 9X10W CCT IP65 BLK

€348.01

SIZE 60x 30cm x60mm HOLE CONNECTION CLEAR DIFFUSER

**SKU** LGA000348FMG

\- 1 +

ADD TO CART